**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 16 TA' LULJU, 2001**

*Avviz. Nru 226/01 AJD*

Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom ta' Middle Sea Insurance plc

vs

Sydney Vella

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' April, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60.00) rappresentanti l-bilanc mill-prezz ta' 'premiums' dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga fuq ordni u inkarigu tal-konvenut stess skond l-Istatement (Dok. A).
Bl-ispejjes, inkluzi Lm5.00 tal-konsult u bl-imghax mit-2 ta' Frar, 2000, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ecepixxa:-

1. It-talba attrici hija nulla u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, stante illi l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema' x-xhieda tal-konvenut u ta' David Borg Saydon, rappresentant tas-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

1. Illi l-konvenut isostni li huwa m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici u esebixxa kopja fotostatika ta' 'cheque' mahrug f'isem is-socjeta' attrici mill-istess konvenut fl-ammont ta' sitta u sittin liri Maltin (Lm66.00) (Dok. SV1).

2. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici, David Borg Saydon, xehed li meta l-konvenut mar sabiex ihallas il-'premium' huwa kien infurmah li s-socjeta' attrici toffri wkoll servizz fejn hija thallas il-licenzja tal-vettura li tkun qed tigi assikurata ghan-nom tal-assikurat. Il-konvenut kien accetta li juzufruwixxi minn dan is-servizz u l-ammont globali li kellu jithallas lis-socjeta' attrici kien ta' mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin u erbgha centezmi (Lm125.04), hamsa u sittin liri Maltin u erbgha centezmu (Lm65.04) bhala 'premium' u sittin lira Maltin (Lm60.00) ghall-licenzja. Minn dan l-ammont il-konvenut hallas sitta u sittin lira Maltin (Lm66.00).

3. Illi David Borg Saydon esebixxa l-ircevuta li tindika li s-socjeta' attrici hallset il-licenzja ghan-nom tal-konvenut (Dok. DB1) u qal ukoll li dan is-servizz jigi offrut b'xejn lill-assikurati tas-socjeta' attrici.

4. Illi s-socjeta' attrici tghid fl-Avviz li l-ammont mitlub minnha huwa dovut bhala bilanc ta' 'premium' ta' polza ta' assikurazzjoni mahruga f'isem is-socjeta' attrici.

5. Illi fil-fehma tat-Tribunal l-ammont ta' sittin lira Maltin (Lm60.00) mitlub mis-socjeta' attrici ghadu dovut lilha mill-konvenut ghall-hlas tal-licenzja tal-vettura tal-konvenut, liema hlas gie effetwat mis-socjeta' attrici ghan-nom tal-istess konvenut. Fix-xhieda tieghu il-konvenut kien pjuttost ambigwu dwar kif u min hallas il-licenzja u s-socjeta' attrici ressqet l-ahjar prova li hija ghamlet dan il-pagament u cioe' l-ircevuta relattiva debitament esebita (Dok. DB1).

6. Illi inoltre jrid jinghad ukoll li una volta li l-hlas tal-licenzja ghan-nom tal-assikurat huwa servizz li s-socjeta' attrici toffri lill-klijenti taghha minghajr hlas u huwa nkorporat fis-servizz tal-hrug tal-polza tal-assikurazzjoni, is-socjeta' attrici kienet gustifikata li titlob is-sittin lira Maltin (Lm60.00) bhala bilanc mill-prezz tal-'premiums' dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga u ordnata fuq inkarigu tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60.00) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jithallsu mill-konvenut skond il-ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR